

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8263/26

EDUC 113
JEUN 62
EMPL 98
SOC 216
COMPET 481

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ħiliet bażiċi u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: nibnu pontijiet għall-futur - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) tal-11 ta' Mejju 2026.

Ħiliet bażiċi u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: nibnu pontijiet għall-futur

Nota ta' gwida mill-Presidenza

(Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)

Id-dinja tagħna qed tinbidel b'pass bla preċedent. It-trasformazzjoni teknoloġika li qed taċċellera, inkluż l-iżvilupp u l-użu rapidi tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-isfidi demografiċi, il-kriżijiet ġeopolitiċi, tas-saħħa u klimatiċi, kif ukoll l-isfidi kumplessi tas-soċjetà u dawk ekonomiċi, qed joħlqu realtajiet ġodda. Fid-dawl ta' dawn il-bidliet, l-UE qed tiffaċċa wkoll sfida għall-kompetittività; il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol qed jinbidlu, u dan jitleb adattabbiltà, inkluż il-kapaċità ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u rispons għall-eżiġenzi tax-xogħol li qed jevolvu.

F'dan il-kuntest, is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Ewropa għandhom rwol ċentrali fit-trawwim tal-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u t-tisħiħ tar-reżiljenza. Fl-istess ħin, huma dejjem aktar mistennija jappoġġaw lill-individwi mhux biss fl-aċċess għall-impjiegi, iżda wkoll fl-iżvilupp ta' ċittadini attivi, infurmati u reżiljenti li kapaċi jinnavigaw ambjenti kumplessi u li qed jevolvu malajr. Biex jagħmlu dan, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jkomplu jevolvu, sabiex in-nies jitħejjew għal futur li qed jinbidel malajr, bi trasformazzjonijiet fis-soċjetà, l-ekonomija u s-suq tax-xogħol. Biex jinkiseb dan, hemm bżonn li l-istrateġiji nazzjonali jiġu aġġustati b'mod kostanti, jiġu identifikati miżuri ta' politika biex jittejjbu l-eżiti tat-tagħlim u fl-aħħar mill-aħħar tingħata spinta lis-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha.

Fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, l-Istati Membri jirrikonoxxu li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali biex l-individwi jiġu mġhammra bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fil-ħajja, fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Kemm ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) kif ukoll il-ħidma sinifikanti li saret s'issa fil-Kunsill dwar it-tħejjija tat-tieni ċiklu jenfasizzaw l-impenn kostanti għall-kwalità, l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd, u d-determinazzjoni li tinkiseb bis-sħiħ iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2030.

Hemm miri fis-seħħ biex jiġi mmonitorjat il-progress u jiġu identifikati l-isfidi; b'mod partikolari, is-sehem ta' żgħażaġh ta' 15-il sena b'kisbiet baxxi fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għandu jkun inqas minn 15 % sal-2030, filwaqt li s-sehem ta' studenti tat-tmien sena b'kisbiet baxxi fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni għandu jkun inqas minn 15 % sal-istess sena. L-evidenza fil-livell tal-UE tindika li l-progress għadu irregolari fir-rigward tal-miri miftiehma fl-2021. Filwaqt li jistgħu jiġu osservati xejriet pożittivi f'ċerti oqsma, għad hemm sfidi biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jiksibu dak li huwa meħtieġ biex jirnexxu f'kuntest li qed jinbidel malajr. Dan jitlob riflessjoni kritika dwar l-approċċi u l-istrateġiji ta' politika attwali, b'mod partikolari l-esplorazzjoni ta' modi kif jiġi pprovdut appoġġ aktar effettiv lill-istudenti kollha. L-ambizzjoni politika għolja jeħtieġ li tiġi allinjata aħjar mal-implimentazzjoni effettiva, sabiex jiġu żgurati eżiti aħjar. F'dan ir-rigward, jibqgħu objettiv ewlieni l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ħiliet u l-kompetenzi, u l-appoġġ konsistenti għas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Inizjattivi reċenti tal-UE enfasizzaw il-ħtieġa li jsir investiment fil-ħiliet u l-kompetenzi. L-enfasi fuq il-kapital uman titqies kruċjali għall-prosperità tal-UE, ir-reżiljenza ekonomika tagħha u l-ekonomija soċjali tas-suq unika. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet tissottolinja l-ħtieġa ta' pedamenti u ħiliet edukattivi aktar b'saħħithom għal kulħadd, sabiex jiġi żgurat aċċess wiesa' għall-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u l-opportunitajiet ta' xogħol, u jiġu nnavigati t-tranżizzjonijiet u l-kriżijiet. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi għandu l-għan kemm li jappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-eżiti f'oqsma bħal-litteriżmu, il-matematika, ix-xjenza, u l-ħiliet diġitali u taċ-ċittadinanza, kif ukoll li jikkontribwixxi għal objettivi usa' marbuta mal-kompetittività, ir-reżiljenza u l-parteċipazzjoni demokratika.

Filwaqt li ma hemm l-ebda fehim uniku u unifikat tat-terminu "ħiliet bażiċi", għall-fini ta' dan l-iskambju ta' fehmiet, l-enfasi titqiegħed fuq il-ħiliet fundamentali li kull individwu għandu jikseb bħala pedament minimu għall-progress permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, l-kapaċità għall-impjieg u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Dan il-fehim jista' jimplika perspettiva usa' u aktar olistika, li tinkludi wkoll ħiliet trażversali bħall-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni, l-adattabbiltà, il-kollaborazzjoni u l-involvement ċiviku, li huma essenzjali mhux biss fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, iżda wkoll matul il-ħajja.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, dawn il-ħiliet fundamentali mhux biss jeħtieġ li jissaħħu, iżda wkoll jiġu kontinwament definiti mill-ġdid fid-dawl tar-realtajiet emerġenti, sabiex l-individwi jiġu appoġġati b'mod effettiv biex jirnexxu fil-ħajja, fiż-żogħol u fis-soċjetà demokratika u jinnavigaw il-kumplessità, l-inċertezza u l-bidla. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jantiċipaw il-bidla, jadattaw it-tagħlim fundamentali għal ħtiġijiet ġodda, u jiżguraw li l-istudenti jkunu mgħammra kemm għall-isfidi tal-lum kif ukoll għall-opportunitajiet ta' għada. Dan jirrikjedi wkoll l-inkorporazzjoni ta' perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li jiġi żgurat li l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ikunu aċċessibbli fl-istadji kollha tal-ħajja.

Għaldaqstant, il-Preżidenza tistieden lill-Ministri jwieġbu għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala parti minn skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett. Ġentilment nitolbu li l-interventi jkunu limitati għal massimu ta' tliet (3) minuti.

1. Fid-dawl ta' dan ix-xenarju li qed jevolvi malajr, kif għandhom jiġu adattati l-istrateġiji nazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet fundamentali li jeħtieġu biex jirnexxu llum u jinnavigaw l-isfidi ta' għada? Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna huma flessibbli u orjentati lejn il-futur biżżejjed biex iwettqu l-missjoni tagħhom?
2. Kif tista' l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u b'sinerġija mal-Unjoni tal-Ħiliet, kif xieraq, tappoġġa bl-aħjar mod din it-trasformazzjoni?